MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 64/2014

Appell Nru: 64/2014

Il-Pulizija

Spettur Stephen Micallef

vs

Dylan Vella

Illum, 27 ta′ Novembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-imsemmi Dylan Vella, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 203286M talli:

Fl-10 ta′ Ottubru, 2007, ghall-habta tal- 1.45 pm, fi Triq it-Torri, Sliema, saq vettura Nru. IQZ-126 u b′nuqqs ta′ hiseb, bi traskuragni jew b′nuqqqas ta′ hila fl-arti jew professjoni jew b′nuqqas ta′ tharis tar-regolaemnti tat-traffiku, involontarjament

ikkaguna hsarat fuq il-vettura Nru: GVP-065 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta (Pulizija ta' Malta) (2) kif ukoll b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolaemnti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi lil PS1479 Andrew Kelly skond kif iccertifika Dr. David Bilocca M.D. ta' S.L.H. (3) u aktar talli involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC Mario Baldacchino skond kif iccertifikat Dr. Valeri Anne Fenech M.D. ta' S.L.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jgi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-13 ta' Frar, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe' l-artikolu 226 tal-Kap 9, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65, u l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, MVR18 u l-artikoli 72, 77(1) u 81 tal-L.S. 65.11, tiddikjara li sabet lill imputat Dylan Vella hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) li ghandhom jithallsu f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Ewro (€50).

Inoltre, tordna skwalifika tal-licenzi tas-sewqan ghal perjodu ta' sena.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Dylan Vella, presentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Frar, 2014, fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-esponent minn kull htija u piena, u f'kaz li din it-talba ma tigix milqugha, tirriformha billi tapplika piena inferjuri, iktar ekwa u gusta kif rifless mill-fatti speci tal-kaz, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant Dylan Vella.

Rat l-aggravji tal-appellant illi huma s-segwenti:

Illi l-Ewwel Qorti donnha li accettat il-verzjoni tal-imputat u cioe' illi dna kien incident sfortunat fis-sens ta' casus u dan ghaliex meta l-imputat mar sabiex japplika l-breaks, siequ wehlet bejn il-pedala tal-clutch u l-lasta tal-isteering wheel.

Effettivament dan id-diskors huwa kkorroborat bl-affidavit ta’ PC 70 Omar Caruana kif ukoll mir-rapport li sar fl-istess gurnata tal-incident, mehud fis-14:00hrs mill-istess PS70. Jidher pero’ li l-ewwel Qorti tat piz lill-parti tal-affidavit li ghal xi raguni ma jsibx konfort fir-rapport li ttiehed a tempo vergine. Effettivament dak li huwa mnizzel fil-PIRS report 6/L/3154/2007, li ttiehed a tempo vergine huwa s-segwenti:

‘Jiena kont gej minn Sliema lejn San Giljan fi Triq it-Torri u kif qbizt id-dawra ta’ quddiem it-torri, kienet hierga Jaguar minn Triq Windsor u biex nevitah harist lejh, u mbghad sibt ma wicci l-karozza IAL 379 (GVP 065) li kienet wieqfa quddiemi u jiena ppruvajt nghafas il-breaks u wehlitli sieqi bejn il-clutch u l-pipe tal-isteering u dhalt go ta’ quddiemi.’

Jinghad mal-ewwel illi dak illi fuqu strahet l-Ewwel Qorti kien il-parti tal-affidavit tal-pulizija illi ma jirriflettix dak li qal l-akkuzat, u cioe’:

‘l-incident kollu gaa ghaliex hu induna tard li l-vetturi ta quddiemu kienu weqfin...’

Illi l-akkuzat jichad kategorikament li dan id-diskors nghad minnu izda s-surgent iddeduca illi hekk kien gara. Fil-fat hafna mid-diskors illi huwa qal l-isurgent, bhal perezempju li karoza Jaguar kienet harget f’daqqa mis-side street lanqas issemmiet fl-affidavit. Kien hemm affarjiet ohra fl-affidavit illi ma jirriflettux ezattament dak li gara dakinhar - anke l-hin tal-incident gie rrapurtat hazin - fl-01.45hrs minflok fis-13.45.

Illi l-incident deskritt mill-esponent huwa wiehed tipiku li sewwieq jsib fit-toroq taghna, fejn karozza li tohrog b’mod hesrem tohloq emergenza ghat-traffiku li jkollu id-dritta fit-triq u bhala konsegwenza ta’ evasive action jinqala’ incident.

Illi dan ghalhekk mhux incident kkawzat minn traskuragni jew nuqqas ta’ hila tal-esponent fuq livell ta’ responsabbilita’ kriminali, izda incident sfortunat li jimporta konsegwenzi biss civil u fejn karozza Jaguar estranea ghall-incident per se kkontribwiet ghalih.

Illi dan l-aspett tal-incident huwa deskritt fir-rapport a tempo vergine mill-esponent, izda lanqas biss jissemma fl-affidavit tal-pulizija liema affidavit l-Ewwel Qorti

erronjament hasset li jirrifletti dak li ntqal fil-mument. Il-Pulizija lanqas mbissma kien xhud okkulari izda qed jixhed, allura b'mod ghal kollox inezatt, x' intqal lilu detto del detto.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali, u cioe' l-akkuza ta' offiza ta' natura gravi, l-uniku prova ta' din l-akkuza tissussisti f'zewg affidavits ta' Dr. David Bilocca jghid illi kien ezamina lil Andrew Kelly (minghajr ma jaghtidata ta' meta dan l-ezami sar) u sab illi kien qed isofri minn ksur fil-parti ta' wara tal-ghadma tas-sinsla tal-ghonq, u affidavit iehor datat 15/10/2011 fejn Dr. Bilocca jghid illi kien ezamina lil pazjent fil-11 ta' Ottubru, 2007 u sab li kellu ugieh fuq in-naha tax-xellug ta' wara ta' ghonqu u ma setax jara ksur. Wara li ordna x-ray, l-ispecjalista deherlu li kien hemm suspett ta' ksur fil-bicca ta' wara tal-ghonq u dan ir-rapport hareg fit-12 ta' Ottubru, 2007.

Illi minn dan, jidher car illi 'suspett ta' ksur' mhuwiex ksur ppruvat a tenur tal-grad rikjest mill-ligi, u wisq anqas hija debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, kif trid il-ligi. Illi ghalhekk, ghall-finijiet tal-akkuza ta' griehi gravi skond il-ligi, il-prosekuzzjoni zgur ma lahqitx il-grad ta' proa li trid il-ligi ghall-akkuza odjerna.

Illi mill-file medku tal-pazjent PS 1479 Andrew Kelly li allegatament sofra minn dawn il-griehi, jidher car illi fis-16 ta' Ottubru, 2007 (sitt ijiem wara l-incident) huwa rrifjuta illi joqghod l-isptar ripetutament kontra kull parir li inghatalu:

'16/10/07 - PT reluctant to have another set of X rays. PT refuses to stay overnight. Explained to patient that admission is the best option and that symptoms may get worse. PT refused admission just the same. Advice to come to SLH if symptoms get worse or paint sets in'.

Illi anke minn dan l-atteggjament ta' PS Kelly, juri bic-car illi huwa kien qed jittratta dak li 'sofra' b' mod legger ghall-ahhar, u certament b'ebda biza' li wiehed jistanna minghand min jkun imqar susspettat li sofra ksur fl-ghonq.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-akkuzat jikkontendi illi l-piena erogata fic-cirkostanzi kienet wahda esagerata. L-ewwel Qorti sabet l-imputat hati tal-akkuzi kollha kif addebitati u kkundannat l-akkuzat multa komplessiva ta' elfejn u tlett mitt Ewro wara li rat l-artikoli 226, tal-Kap 9, l-Art 15(1)(a) tal-Kap 65, l-art. 3(1) tal-Kap 104 u l-Art. 72, 77(1), 81 tal-L.S. 65.11.

Illi kif intqal qabel l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-grad rikjest mill-ligi ghall-offizi ta' natura gravi u allura fl-aghar ipotezi f'kaz li l-esponent jinsab li ghandu xi htija, huwa bir-rispett jikkontendi illi l-art 226(c) ghandha tapplika fejn tapplika allura l-piena ghall-kontravenzjonijiet. Anke jekk, ghal grazzja tal-argument l-akkuzat jaccetta illi ghandu jinstab hati taht l-art 226(b), l-piena, ghalkemm hija fil-fatt entro l-parametri tal-ligi hija l-massimu.

Illi l-ligi tippreskrivi l-minimum u l-maximum tal-piena biex thalli fid-deskrizzjoni tal-gudikant li ghandu jiehu in konsiderazzjoni il-gravita' o meno tar-reat u c-cirkostanzi kollha, inkluz il-ko-operazzjoni tal-akkuzat. Apparti li dan kien kaz ghal kollox sfortunat, l-appellant ikkopera bis-shih u hallas kollox lill-Gvern u dan gie anke accettat mill-Prosekuzzjoni u mill-Qorti.

L-appellant jikkontendi illi f'kull kaz huma kellux jehel il-massimu propju minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz inkluz il-fatt illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx l-akkuza taht it-226(b).

Effettivament irrizulta illi l-karozza kienet misjuqa mill-akkuzat - IQZ 126 kienet inxurjata (vide PIRS report - Police Version of Events) u ghalhekk l-akkuzat zgurma kellux jinstab hati taht l-art. 3 tal-Kap 104 li jgorr multi severi hafna u anke l-iskwalifika tal-licenzja.

L-artikoli kollha indikati taht S.L. 65.11 u cioe' l-art. 72, 77 u 81 m'ghandhomx jaqsmu xejn mal-kaz odjern u l-prosekuzzjoni ma ressqat ebda prova insostenn ta' dawn l-artikoli liema artikoli jidher li gew konsiderati mill-Ewwel Qorti meta giet tinfliggi piena komplessiva.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fl-ghaxra (10) ta' Ottubru tal-elfejn u sebgha (2007) ghal habta ta' tas-saghtejn neqsin kwart ta' waranofsinhar (1.45 p.m.) l-appellant kien qed isuq karozza fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, meta baqa' diehel fuq wara tal-vettura Hyundai bin-numru JVP 065 misjuqa mill-pulizija u ikkaguna offizi gravi fuq PS 1479 Andrew Kelly u offiza hafifa fuq PC 1534 Mario Baldacchino. Bl-impatt il-karozza tal-pulizija baqghet diehla fuq vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni IQZ 126. L-appellant qal li hekk kif qabez id-dawra ta' quddiem it-torri kienet se tohroglu karozza tal-ghamla Jaguar minn side street fuq ix-xellug tieghu li hasditu u sakemm gibdet l-attenzjoni tieghu momentarjament sab illi kien hemm zewg karozzi weqfin quddiemu wara t-traffic lights. L-appellant aghfas il-brake u siequ zelqet minn fuq il-pedala u wehlet tahtha u ghalhekk baqa'diehel fil-vettura ta' quddiemu, dik tal-pulizija. Argumenta illi dan kien incident sfortunat kawzat minn emergenza subatenea minhabba l-hrug intempestiv tal-karozza Jaguar fuq ix-xellug tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-argument tal-appellant u jidhrilha illi dana huwa kaz tipiku ta' nuqqas ta' "proper look out" da parti tal-appellant illi kellu jinduna b'dak kollu illi qed jigri madwaru u zgur illi ma kellux ghalfejn jinhasad b'karozza hierga minn fuq ix-xellug tieghu. Jibda biex jinghad illi fit-toroq affollati ta' pajjizna, aktar u aktar dan iz-zmien u partikolarment Triq it-Torri tkun b'serbut karozzi kwazi l-hin kollu tal-gurnata, is-sewwieqa jridu jkunu ferm attenti ghal dak kollu li qed jigri quddiemhom u madwarhom. Triq it-Torri fiha hafna side streets illi jidhlu fiha li minnhom il-karozzi jippruvaw johorgu bil-mod il-mod biex jinfilzaw fl-"istream" principali tal-karozzi u jsuqu jew in-naha tax-xatt jew in-naha ta' San Giljan. Din hija sitwazzjoni illi ssir kull f'hin go Triq it-Torri. U ghalhekk sewwieq irid izomm "a proper look out" mhux biss ghall-karozzi li jkollu quddiemu imma anke ghal dawk il-vetturi illi jkunu hergin minn dawn is-side streets. Mhuwiex argument illi l-appellant jghid illi zelqitlu siequ minn fuq il-pedala tal-brake. Dan mhuwiex agir ta' sewqan responsabbli. U mhuwiex facli illi s-sieq tizloq minn fuq il-pedala tal-brake. Fil-fatt, il-pedali huma maghmulin b'tali mod illi difficli illi din il-manuvra ssir.

Zbalji bhal dawn ma jistghux isiru fit-toroq taghna u la grat lill-appellant f'dik it-triq partikolari, ifisser nuqqas ta' sengha u traskuragni kbira da parti tieghu.

Din il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi l-kawza prossima ta' dan l-incident kien in-nuqqas ta' "proper look out" da parti tal-appellant u n-nuqqas ta' kontroll shih tal-vettura tieghu meta ma kien hemm l-ebda raguni il ghala dan il-kontroll ma kellux ikun shih u komplet.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-feriti li sofrew is-sewwieqa hemm ix-xhieda ta' Dr. David Bilocca li ezamina lil PS 1479 Andrew Kelly u li sab li kien qed isofri minn ksur fil-parti ta' wara tal-ghadma tas-sinsla ta' ghonqu. Hemm ukoll l-affidavit ta' Dr. Valerie Anne Fenech fejn ezaminat lil PC 1534 Mario Baldacchino li kien qed isofri minn ugigh fuq wara tal-ghonq fin-nofs, ugigh fuq wara tal-ghonq fuq in-naha tal-lemin u ugigh in-naha ta' isfel tad-dahar fin-nofs. Dawn il-griehi gew klassifikati bhala hfief.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti tirrileva illi s-sospensjoni tal-licenzja hija mandtorja u l-Qorti m'ghandha l-ebda diskrezzjoni dwar dan. Peress illi l-piena qieghda fil-parametri tal-ligi mhux il-kaz illi din ukoll tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------